# 125 Sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja l-Qadima

## *Josef Cutajar*

125 sena ilu, xewqa ta' ħafna saret realtà, 125 sena ilu, Għajnsielem mhux talli sar parroċċa u bena knisja u ikkonsagraha, imma wkoll kiseb indipendenza soċjali. Ix-xemx tal-20 ta' Jannar 1855, rat lill-poplu Għajnselmiż ikun għall-ewwel darba fl-istorja bħala parroċċa għalih, b'digriet speċjali ta' Papa Piju IX li għamel lil Għajnsielem paroċċa. Kien dan il-pass rivoluzzjonarju li biddel il-ħajja Għajnselmiża għal dejjem, f'kull qasam soċjali tal-ħajja tan-nies ta' dakinhar.

Il-Konsagrazzjoni tal-knisja l-qadima turi tassew li r-raħal għadda minn diversi ġrajjiet uniċi minn irħula oħrajn. Nibdew billi mmorru lil hinn minn 125 sena, imma mmorru f'dik il-lejla kwieta fejn kien qed jidlam u fil-qalba tal-kampanja Għajnselmiża fil-wied il-kbir, raġel devot tal-Madonna kien qed jirgħa n-nagħaġ tiegħu u kellu l-ikbar xorti dik li jara xbiha ta' Sinjura sbejħa quddiemu u tordnalu sabiex jibni l-ewwel statwa fil-knisja. Anġlu Grech tax-Xini kien il-persuna li tefa' l-ewwel ġebla biex Għajnsielem jinsab fejn hu llum jiġifieri ngħixu u nikbru fid-devozzjoni f'ġieħ il-Madonna taħt it-titlu ta' Loreto. Kien ċertu Indri Xuereb li l-laqam tiegħu hu "tal-Możrud" fejn kien iċempel il-qanpiena sabiex in-nies għaqlin Għajnselmiżi kienu jinġabru quddiem l-istatwa tal-Madonna u jitolbuha. Il-Konsagrazzjoni f'dan l-istadju kienet biss ħolma li l-ħin kollu tberren f'kull moħħ Għajnselmiż. B'dedikazzjoni u tant għożża ammirabbli kull min kien minn seba' snin ʾil fuq kien imur u jaħdem sabiex din il-knisja l-qalb t'Għajnsielem tkun lesta. Kulma dam il-bini għaxar snin. Dak iż-żmien il-knisja kienet qisha kappella kemmxejn imdaqqsa bi tliet artali, bħal tal-knisja ta' San Ġakbu tar-Rabat b'aktar wisa' fiż-żewġ kappelli. L-għamla tal-knisja hi ta' Salib Latin u għandha stil arkitettoniku Dorika. Minn ħolma għal realtà. Dan hu l-poplu Għajnselmiż, poplu li dak iż-żmien ma kienx jikkalkula affarijiet mingħajr sens u kien jgħaddas rasu u jaħdem sabiex ir-raħal ikollu l-ikbar ġieħ taħt il-protettriċi tiegħu Marija Lawretana.

**Lilhinn mill-ispiritwalità, dawn il-125 sena x'ifissru aktar?**

Bil-konsagrazzjoni, Għajnsielem uffiċjalment hu għalih,



issa jrid ifendi għal rasu. Ksibna indipendenza. F'dawn is-snin nibqa' mbellaħ kif missirijietna tant ħadmu, tant batew sabiex jien u int illum għandi pjaċir li ngħid jien minn Għajnsielem. 125 mill-konsagrazzjoni l-poplu Għajnselmiż beda jħabbat rasu ma' sfidi li kienu wisq kbar sabiex raħal żgħir jirbħilhom. Sfidi li ftit minnhom irħula oħra ma kellhomx. Kif nistgħu ninsew kważi kull raġel Għajnselmiż kien joħroġ fuq il-baħar bit-tama li jiġi lura bl-ikla tal-ġurnata, imma dawn qatt ma waslu. Minjaf kemm f'dawn il-125 sena sajjieda fis-siegħa tal-prova talbu lir-reġina tas-sema forsi teħlishom mill-għarqa. Sfida oħra li kellu jħabbat wiċċu magħha Għawdex kollu hi l-marda qerrieda tal-Kolera. Minjaf ġo dik iċ-ċkejkna knisja l-Għajnselmiżi kemm talbu u fdaw kollox f'Marija Lawretana sabiex teħlishom. U dak it-talb instema' u twieldet l-istatwa titulari, dik l-istatwa li tħallini bla kliem kull xħin immur quddiemha taħt it-tron. Minjaf missirijietna kemm marru bil-moħbi fiż-żmien il-gwerra xħin il-pajjiż kollhu qiegħed għarkopptejh għax ma jiflaħx aktar u nies Għajnselmiżi jmorru ġo dik iċ-ċkejkna knisja bit-tama li jgħaddi kollox u jibqgħu jgawduha.

125 sena konsagrazzjoni, storja li ma tieqaf qatt! Kull xħin ngħaddi minn quddiemha nħoss dawk il-ġebel jitkellmu u nisthajjilhom jirrakkuntawli l-passat u l-ħajja ta' dan il-poplu. Din il-knisja hija monument storiku, monument ħaj li jkellimna u jurina l-istorja u fl-istess ħin il-futur. Kulmeta kien ikolli l-opportunità li nitla' ndoqq il-qniepen kont nimmaġina lura f'dawn il-125 sena nara nies ħerqana jħaffu sabiex ikunu l-ewwel għal ġabra ma' Marija Lawretana. Hija din il-knisja, il-ġebla tax-xewka għal Għajnsielem kollu, kienet din il-knisja li Għajnsielem kien jorbot kollox fuqha kull sitwazzjoni tal-ħajja raħlija, il-knisja l-qadima kienet tkun parti minnha. Il-ġebel ta' din il-knisja joħduk lura fiż-żminijiet u mhux talli tara l-ħajja spiritwali t'Għajnsielem imma tara l-ħajja sempliċi, ħajja fejn in-nies kienu jgħammru u jagħmlu kollox f'ġieh il-Madonna.



**125 sena mill-konsagrazzjoni… u l-futur?**

Xħin wieħed joqgħod jifli x'ġara mill-konsagrazzjoni tal-knisja l-qadima 'l hawn tibqa' mbellaħ bl-istorja u x'ġara fiha. Jien illum li qed ngħix il-preżent inħoss li għandi responsabbiltà li dak li tant ħadmu missirijietna għalih irridu ngħadduh lil ġenerazzjonijiet futuri. Hija ħasra li xi drabi ssib xi individwi Għajnselmiżi li sfortunatament ma jafux l-istorja u kif wasal s'hawn. Aħna rridu nkunu konxji li bħalma missirijietna b'tant għożża ħadmu u taw eżempju tajjeb, aħna rridu nikkuppjawhom u nagħmlu l-istess sabiex it-tfal u ż-żgħażagħ jifhmu sew Għajnsielem kif wasal s'hawn. L-ewwel pass isir billi naraw x'ġara fil-bidu, x'ġara 125 sena ilu, imbagħad inkomplu ngħixu l-ħolma ta' qabilna dik li lil Għajnsielem inpoġġuh fl-aqwa pożizzjoni li jista' jkun. Dawk il-ġebel, dawk il-kapulavuri ta' Ġużeppi Cali, dak l-artal maġġur għandhom jibqgħu jgħajtulna u jibqgħu ħajjin fostna sabiex aħna nkomplu l-ħsieb ta' 125 sena ilu dik li ngħixu fi ħdan ommna Marija ta' Loreto u fl-istess ħin ngħixu ħajja magħquda, ħajja kif jixraq lil dan ir-raħal pittoresk.

Minn qalbi nixtieq nagħtik il-festa t-tajba ad unur it-translazzjoni tad-dar imqaddsa ta' Loreto tal-beata Verġni Marija.


# SALVU CASSAR AUTO PARTS

***Commercial Sales • Engines and Parts***

**Kull tip ta' magni tal-Ġappun u tal-Ingilterra**

N.B. Triq Fortunato Mizzi
Victoria
Tel: 2155 2922
Mob: 7971 0384

50 Triq l-Imġarr
Għajnsielem
Tel: 2155 6674
Mob: 9947 5746